# *Mro. Giovanni Giumarra u Għajnsielem*

***Grazio A. Grech***

*Din is-sena l-Kumitat Ċentrali flimkien mal-Kummissjoni Banda ħadu d-deċiżjoni li waqt il-ħruġ tal-purċissjoni nhar il-Festa, tiġi esegwita l-"Pregiehra alla Madonna di Loreto" ta' Mro. Giovanni Giumarra. Fl-antik din il-biċċa mużika sagra kienet tilqa' l-ħruġ tal-purċissjoni fi żmien meta għall-festa kienet titla' l-Banda Vittoriosana "Duke of Edinburgh" li tagħha, Mro. Giumarra kien Surmast Direttur.*

Din is-sena jaħbat għeluq il-95 sena mindu l-banda, ***Duke of Edinburgh*** – illum banda San Lawrenz - tal-Birgu ħadet sehem fil-festi esterni ad unur il-Madonna ta' Loretu f'Għajnsielem fis-sena 1919. Jaħbat ukoll għeluq il-91 sena mindu f'din il-festa, il-banda ***Duke of Edinburgh****,* esegwiet Innu ad unur il-Madonna ta' Loretu kompost minn Mro. Giovanni Giumarra, dak iż-żmien, surmast–direttur tal-banda ***Duke of Edinburgh***. Hu xieraq, għalhekk, li din is-sena nagħtu tagħrif bijografiku dwar Mro. Giovanni Giumarra.



Is-surmast Giovanni Giumarra, Sqalli, bin Vincenzo u Annunziata mwielda Baglieri, twieled f'Comiso fl-1862. Hu kien mużiċista, kompożitur, u surmast-direttur mill-aqwa. Infatti, fl-età ta 12-il sena, wara eżami, okkupa l-post ta' *sostituto Maestro* u klarinettista solista fil-banda ta' Sortino (Sirakuża) u aktar tard għal erba' snin kien il-viċi-direttur tal-banda Muniċipali ta' Noto.

Mro. G. Giumarra ġie Malta fl-1907 u matul is-snin kellu taħt it-tmexxija tiegħu l-baned, ***Duke of Edinburgh***, ***Leone*** ta' Għawdex, u għal xi żmien mexxa wkoll il-banda, ***San Ġorġ*** ta' Bormla. Il-baned li l-aktar li dam surmast-direttur tagħhom, huma, ***Duke of Edimburgh***, li tagħha dam mill-1907 sal-1924 u mill-1930 sal-1936, waqt li mal-banda ***Leone***, dam mill-1923 sal-1933.

Mro. Giumarra, barra li kien professur għall-bakketta kien ukoll professur biex jikkomponi l-mużika. Kompożizzjonijiet minn tiegħu, bħalma huma, inni, sinfoniji, fantasiji, intermezzi, marċi sinfoniji, gavotti, pagine caratteristriche, preludji, eleġiji, pormi sinfoniċi, mużika ballabli, mużika sagra, marċi funebri u militari, jinstabu mxerrda fl-arkivji f'Malta u Għawdex. Insibu wkoll li Mro. Giumarra għamel għadd ta' arranġamenti u riduzzjonijiet mużikali u flimkiem ma' għadd ta' transkrizzjonijiet jinstabu mxerrda f'diversi arkivji mużikali, fosthom f'dawk li tagħhom huwa kien surmast-direttur. Fl-arkivju mużikali tas-Soċjetà Filarmonika ***San Ġużepp*** ta' Għajnsielem, insibu l-kompożizzjoni, *Alla Madonna di Loreto*, komposta minn Mro. Giumarra.

Is-Sur Lorenzo Zahra, fil-ktieb tiegħu *Ġrajjet il-Banda Vittoriosana San Lawrenz, 1883-1993*, jgħidilna li kull fejn kien surmast-direttur Mro. Giumarra, dan organizza l-arkivji mużikali ta' dawn il-baned u żgur li llum dawn il-baned jistgħu jiftaħru wkoll bis-suċċessi miksuba fl-esekuzzjonijiet li kienu jagħmlu taħt it-tmexxija tiegħu.

Mużika komposta minn Mro. G. Giumarra, ġie li ġiet stampata barra minn Malta u wkoll kienet imfittxija fl-Italja, Franza, Amerika, Eġittu, Tuneżija u f'bosta postijiet oħra.

F'April tal-1902, Mro. Giumarra rebaħ, *Diploma di 1mo Grado e Medaglia d'Argento*, bl-intermezz Sinfonika, *Veritas Vincit*, fil-konkors bandistiku li sar Palermo. F'Marzu, 1927, Mro. Giumarra ħa sehem fil-konkors Internazzjonali ta' Nocera Inferiore minfejn fil-5 ta' Lulju, 1927, kiseb, *un Gran Diploma d'Onore e Medaglia d'Oro*, għall-marċa korali, *Il Leone*.

F'Awwissu tal-1927, Mro. Giumarra, żdied fl-unuri meta reġgħu ġew ippremjati bi G*ran Diploma d'Onore*

*e Medaglia d'Oro con lode, Sacra Verna Francescana, Alba d'Amore, Sfilata di Cortigiani*, u *gran Diploma d'Onore e Medaglia d'Argento*, għall-kompożizzjoni, *Delenda Carthago*.

Ta' min jgħid li l-Pagina Sinfonikia, *Sacra Verna Francescana*, Mro. G. Giumarra, kien kitibha fl-1927 f'okkażjoni tal-festi Ċentinarji f'ġieħ San Franġisk ta' Assisi li kienu saru fil-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini f'Għawdex.

Il-mużika li kkompona Mro. Giumarra ġiet imfaħħra mhux biss mill-Maltin u l-Għawdxin, imma wkoll mill-barranin. Il-President, Mro. Vincenzo Sportiello, tal-Kummissjoni tal-Eżamijiet tal-Uffiċċju Mużikali ta' Nocera Inferiore, iddikjara dan li ġej fil-*Bollettino Esito Concorso*, '*...Il mio esame accurato dei lavori sinfonici del Maestro G. Giumarra a portato ad un risultato sodisfacientissimo per l'alta concezione artistica dei lavori stessi. Essi mi fanno comprendere di trovarmi di fronte ad un perfetto musicista di soda cultura. Per cio' prega la S.V. Ill.madi tributargli una loda per la commissione*.'

Il-ħila u l-kapaċità u d-dixxiplina li kellu Mro. Giumarra, wasslet sabiex wettaq programmi kbar bil-baned li tagħhom kien surmast-direttur. Wieħed minn dawn il-programmi kien sar fis-sena 1910, meta fit-teatru *Rjal* il-banda, ***Duke of Edinburgh***, taħt Mro. Giumarra, esegwiet b'suċċess kbir l-opra Puċċinjana, *Tosca*. Bandisti tal-banda, ***Leone,*** ta' Għawdex li daqqew taħt it-tmexxija tiegħu, għadhom jirrakkontaw is-suċċessi li kienet tagħmel il-banda ***Leone*** f'dawk iż-żminijiet.

Madankollu, matul iż-żmien li Mro. Giumarra kien surmast-direttur tal-banda Vittoriosana, din il-banda ħadet sehem ukoll f'diversi festi titulari f'Għawdex. Fis-sena 1921 ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Belt Victoria, waqt li fl-1922 ħadet sehem fil-festa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Fil-festa f'ġieħ il-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem, il-banda ***Duke of Edinburgh***, insibuha tieħu sehem mis-sena 1919 sas-sena 1925. Kull darba li din il-banda kienet tieħu sehem fil-festa titulari ta' Għajnsielem kienet tingħata merħba kbira. Intant insibu, li fis-snin, 1921, 1922, 1923, kienu ġew mogħtija lil din il-banda xi rigali. Fil-festa tas-sena 1923 kienet daqqet, għall-ewwel darba, innu miktub apposta mis-surmast Giumarra u kien ġie kantat mit-tfal, '*...suona per la prima volta un'inno, cantato da un coro di fanciulli, istrumentato appozitamente dell'egregio signor direttore G. Giumarra*.'

Jidher li kien mis-sehem tal-banda ***Duke of Edinburgh***, fil-festa tal-Madonna ta' Loretu, li l-mexxejja tal-banda, ***Leone,*** tefgħu għajnejhom fuq Mro. G. Giumarra. Dan jidher ċar mill-fatt li meta l-banda **Leone,** iddeċidiet li tibdel lil Mro. O. Crescimanno, fl-1923, l-ewwel fil-lista ta' surmastrijiet li kellhom jiġu kkuntattjati kien propju Mro. Giumarra, li f'dik il-ħabta kien għadu surmast-direttur tal-banda, ***Duke of Edinburgh***.

Infatti, meta Mro. Giumarra ġie avviċinat mill-banda ***Leone***, biex jieħu t-tmexxija tal-banda, huwa kien aċċetta dan l-inkarigu, però ried ukoll jibqa' jonora l-obbligi tiegħu lejn il-banda, ***Duke of Edinburgh***, '*... Mro. Giumarra, in risposta alla sua, nella quale il-detto maestro dice d'accettare volentieri la direzione della filarmonica Il Leone in compatibilta' pero' coi suoi doveri colla Filar. Duke of Edinburgh.*'

Kien fl-1924 li Mro. Giumarra ġie uffiċjalment meħlus minn mal-banda, ***Duke of Edinburgh***, u f'April tal-istess sena, b'att legali, Mro. Giumarra, intrabat mal-banda ***Leone***, bħala surmast-direttur ta' din il-banda Għawdxija. B'dan il-att Mro. Giumarra ntrabat għal erba' snin, '*...due di fermo e due di rispetto*' bi ħlas ta' £10 (€23.30ċ) fix-xahar. Dan il-kuntratt jindika wkoll li matul il-vadilità tiegħu Mro. Giumarra kellu joqgħod f'Għawdex, kif fil-fatt ġara. Dan l-istess kuntratt kien reġa' ġie mġedded f'April, 1928, waqt li l-ħlas kien żdied għal £11 50s (€26.80ċ) fix-xahar.

Mro. Giumarra dderieġa għall-aħħar darba lill-banda, ***Leone,*** fi Frar, 1933, waqt li nafu li fil-15 ta' Ġunju, 1930, huwa mill-ġdid reġa' iddebutta mal-banda, ***Duke of Edinburgh,*** fi programm li sar Il Fortini, il-Birgu, u li fih kienu ġew esegwiti kompożizzjonijiet mużikali ta' Mro. Giumarra. Fost dawn kien hemm il-Marċa Sinfonika, *Delenda Carthago*, li biha kien rebaħ diploma tal-unur u midajla tal-fidda f'konkors fl-1927. Mro. G. Giumarra baqa' jmexxi l-banda, ***Duke of Edinburgh*** sal-1936, meta t-tmexxija ta' din il-banda għaddiet f'idejn Mro. Pacifiku Scicluna.

Mro. G. Giumarra miet il-Ħamrun nhar l-24 ta' Diċembru, 1936. Mro. Giumarra, bħala wirt mużikali, ħalla għadd kbir ta' kompożizzjonijiet mużikali u li wħud minnhom għadhom jindaqqu sal-lum. Dan ma jurix ħaġa oħra għajr il-ħeġġa u l-istima li dan is-surmast Taljan kellu lejn it-tagħlim u t-tixrid tal-kultura mużikali f'pajjiżna. U bil-kisba ta' diversi unuri f'kompożizzjonijiet mużikali u bl-esekuzzjonijiet ta' programmi kbar, Mro. Giumarra għamel unur lilu nnifsu u lill-baned li tagħhom kien surmast-direttur.

*Għal Aktar Tagħrif:*

Grech Grazio A. *Erbatax-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin* (1998); *Pinnet l-Awtur (2011);* u Ġrajjiet is-Soċjetà Mużikali u Filarmonika Leone, Għawdex (2012).